FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 6 TA' MEJJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
SPETTUR SIMON GALEA
VS
ANTHONY ABELA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Abela ta' 43 sena iben Carmelo u Melita nee Gauci u li huwa residenti Dar Suret il-Bniedem, Triq San Albert Gzira u bin-numru tal-identita 440358M talli f'dawn il-gzejjer fil-lejl ta' bejn 27 u 28 ta' Lulju 2001 mill-fond The Linton Lodge, Triq Idmejda, Balzan ikkommetta serq ta' numru ta' oggetti ghad-dannu tal-prorpjetarju Emanuel Degabriele Id 226154M u ta' terzi, liema valur komplessivament jaqbez il-mitt lira maltin izda ma jeccedix l-elf lira maltin u ghalhekk huwa aggravat bil-mezz, bil-valur tal-haga misruqa, bil-hin u bil-lok. Dana kollu bi ksur tal-artikoli 263(a), 267, 269(g) u 270 rispettivament tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hasssar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe fl-aperturi tal-fond in kwistjoni liema hsara teccedi l-hamsin liri maltin izda mhux iktar minn hames mitt lira u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli f'dawn il-gzejjer fit-28 ta' Lulju 2000 u fix-xhur ta' qabel laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat,

jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibeghhom jew imexxihom bi ksur tal-artikolu 334(a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta''Malta.

Talli huwa ricediv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-17 t'April 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 263(a), 267, 269(g), 270, 325(b), 334, tal-kap 9 u tikkundanna ghal 13 il-xahar habs mehuda in konsiderazzjoni il-fedina penali ta' 15 il-faccata.

Din il-Qorti fl-ghotja tal-piena hija konxja tal-fatt illi l-imputat huwa alcoholic. Ghaldaqstant tirrakkomanda illi l-imputat minn hdan il-Habs jaghmel programm ta' riabilitazzjoni kontra dan il-vizzju.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.